Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2025/009 BE/Soliver (2026/0097(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek u ddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni u, waqt il-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2026, iddeċieda li jippreżenta l-opinjoni stabbilita hawn taħt lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fit-22 ta' Diċembru 2025, il-Belġju ppreżenta applikazzjoni EGF/2025/009 BE/Soliver għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), wara s-sensji f'Soliver NV (Soliver) fil-Belġju, li opera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 46 tan-NACE Reviżjoni 2 (Negozju bl-ingrossa), fejn l-impjiegi spostati minn Soliver jinsabu fir-reġjuni NUTS 2 tal-Provinċja ta' Flanders tal-Lvant (BE23) u l-Provinċja ta' Flanders tal-Punent (BE25);

B. Billi l-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-1 ta' Lulju 2025 sal-1 ta' Novembru 2025) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema ssensjati tal-forniturі u l-produtturi downstream u/jew il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni hija relatata ma' 803 ħaddiema issensjati (benefiċjarji eliġibbli) fis-setturi ekonomiċi indikati hawn fuq;

D. Billi fit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Belġju biex tiġi appoġġjata l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 803 benefiċjarji fil-mira;

E. Billi Soliver, li oriġinarjament kien negozju tal-familja Belġjan li kien jipproduċi prodotti tal-ħġieġ (eż. ħġieġ għall-kostruzzjoni u ħġieġ awtomobilistiku), inxtara fl-2018 mill-kumpanija American Glass Products Holding (AGP), u minflok beda jiffoka esklużivament fuq il-ħġieġ awtomobilistiku b'teknoloġija avvanzata; billi wara l-akkwiżizzjoni, Soliver espanda b'żewġ siti ġodda fi Flanders tal-Lvant (Zwijnaarde u Evergem), flimkien mal-impjant oriġinali tiegħu f'Rumbeke (Flanders tal-Punent); billi l-impjant ta' Zwijnaarde kien jispeċjalizza fis-sunroofs għall-karozzi elettriċi u fis-soqfa panoramiċi għal Ferrari, filwaqt li dak ta' Evergem kellu l-għan li jżid il-kapaċità tal-produzzjoni globali ta' Soliver; billi, madankollu, l-impjant ta' Zwijnaarde bata minħabba d-dewmien fil-produzzjoni ta' xi mudelli ta' karozzi, li wassal għall-għeluq ta' żewġ linji u għat-tnaqqis fil-profittabbiltà; billi dak ta' Evergem ma kienx profittabbli minħabba li kellu kapaċità żejda u għax kien hemm reċessjoni fis-settur tal-karozzi; billi, minħabba l-fatt li ma setax isolvi l-problemi finanzjarji tiegħu, Soliver beda l-proċedimenti tal-falliment f'Diċembru 2024. billi l-Qorti Kummerċjali ta' Ghent iddikjarat il-falliment ta' Soliver fl-1 ta' Lulju 2025;

F. Billi, fl-2025, 11 665 intrapriża ġew iddikjarati falluti fil-Belġju, żieda ta' 5,0 % meta mqabbla mal-2024 u ta' 13,6 % meta mqabbla mal-2023; billi l-biċċa l-kbira tagħhom (57,8 %) kienu jikkonċernaw intrapriżi li jinsabu fi Flanders; billi, b'riżultat ta' dawn il-fallimenti, intilfu 28 945 impjieg, li 52,8 % minnhom kienu fi Flanders;

G. Billi t-territorji l-aktar affettwati mill-falliment ta' Soliver huma l-muniċipalitajiet ta'

Roeselare (Flanders tal-Punent) u ta' Ghent (Flanders tal-Lvant); billi f'Jannar 2026, il-qgħad fi Flanders tal-Punent żdied b'7,6 % sena wara sena (36 916-il persuna reġistrata li qed ifittxu impjieg, 16 % tat-total ta' Flanders), filwaqt li fi Flanders tal-Lvant kien hemm żieda ta' 6,6 % (54 154 persuna li qed ifittxu impjieg, 24 % tat-total ta' Flanders); billi ż-żieda fil-qgħad ta' Roeselare (+9,6 %) qabżet il-medja provinċjali b'2 punti perċentwali (pp), filwaqt li ż-żieda ta' Ghent (+5,0 %, b'1,6 pp taħt il-livell provinċjali) kienet inqas severa; billi, fl-2025, l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti naqas b'14 % f'Roeselare u b'7 % f'Ghent, u dan aggrava s-sitwazzjoni li fiha s-suq tax-xogħol kien qed jitlef is-saħħa; billi s-sensji ta' Soliver aggravaw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol lokali;

H. Billi, madankollu, il-ħaddiema b'ħiliet tekniċi – jew dawk li lesti li jitħarrġu mill-ġdid – x'aktarx li jsibu opportunitajiet ta' impjieg minħabba n-nuqqas ta' professjonisti tekniċi, ikkawżat mill-fatt li hemm anqas żgħażagħ li qegħdin jidħlu għat-taħriġ vokazzjonali u l-fatt li l-forza tax-xogħol qed tixjieħ;

I. Billi l-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mat-trade unions, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG; billi l-pakkett finali ta' miżuri ntlaħaq qbil dwaru mal-Konfederazzjoni Ġenerali tat-Trade Unions Liberali tal-Belġju (ACLVB), mal-Federazzjoni Ġenerali Belġjana tax-Xogħol (ABVV), u mal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Kristjani (ACV) fl-ewwel laqgħa tal-kumitat ta' tmexxija li saret fil-21 ta' Ottubru 2025.

J. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li jkollhom l-għan li l-benefiċjarji jintegraw mill-ġdid u malajr f'impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej li huma meħtieġa b'mod urġenti; itenni, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati u li l-Belġju huwa intitolat għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 132 535 skont dak ir-Regolament, li tirrappreżenta 85 % tal-kost totali ta' EUR 2 508 865, li tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 2 412 465 u l-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ta' EUR 96 400;

3. Jinnota l-fatt li l-Belġju pprovda l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li r-rekwiżiti

stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati u li l-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom; jinnota li r-rekwiżiti proċedurali kollha ġew issodisfati; jilqa' l-involviment tas-sħab soċjali;

4. Ifakkar fil-profil tal-ħaddiema ssensjati, li aktar minn 75 % minnhom huma rġiel, aktar minn 90 % minnhom għandhom anqas minn 54 sena, u aktar minn 60 % għandhom edukazzjoni sekondarja għolja, postsekondarja jew terzjarja; jistenna, għalhekk, li dawn il-ħaddiema b'ħiliet tekniċi għandhom isibu opportunitajiet ġodda ta' impjieg mingħajr dewmien żejjed minħabba l-ħtieġa dejjem tikber ta' professjonisti tekniċi; jinnota, madankollu, li għadd ta' ħaddiema ssensjati huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, li ma għandhomx għarfien tal-lingwi lokali, u dan jista' joħloq ostaklu f'dan ir-rigward;

5. Jisħaq li l-Belġju kkonferma li l-miżuri appoġġjati mill-FEG ma huma se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li l-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti fil-miżuri li ġejjin: (a) task force (maniġers tal-kontijiet b'għarfien profond tas-suq tax-xogħol lokali, flimkien ma' konsulenti b'esperjenza fl-għoti ta' gwida matul il-proċessi ta' sensji kollettivi, jorganizzaw u jmexxu s-sessjonijiet ta' informazzjoni), (b) rikollokament (f'sessjonijiet fi grupp jew individwali jinkludu, fost affarijiet oħra, intervista inizjali u gwida individwali, ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba, eċċ.), (c) assistenza biex jinstab impjieg, (d) assistenza msaħħa għat-tiftix ta' impjieg (l-appoġġ jinkludi kkowċjar individwali u tiftix ta' impjieg, ikkowċjar fi grupp ma' medjatur vokazzjonali, assistenza fl-applikazzjonijiet għall-impjiegi u t-tħejjija għall-intervisti, u żjarat lill-kumpaniji tar-reklutaġġ u liċ-ċentri tat-taħriġ, biex jitħeġġeġ it-titjib tal-ħiliet), (e) gwida, (f) taħriġ u taħriġ mill-ġdid (korsijiet tal-Olandiż huma disponibbli wkoll, peress li ħafna eks impjegati ta' Soliver għandhom profiċjenza limitata fl-Olandiż, u potenzjalment jillimitaw l-għażliet ta' impjieg tagħhom), (g) taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u (h) fiera tal-impjiegi;

7. Ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali b'limitu ta' żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJON

48	+
ECR	Elena Donazzan, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini
ESN	Petar Volgin
NI	Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke
PPE	Maravillas Abadía Jover, Magdalena Adamowicz, Pascal Arimont, Andrzej Buła, Niels Geuking, Martine Kemp, Miriam Lexmann, Eleonora Meleti, Dan-Ştefan Motreanu, Elena Nevado del Campo, Giusi Princi, Dennis Radtke, Liesbet Sommen, Romana Tomc
PfE	Mélanie Disdier, Julien Leonardelli, Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck
Renew	Grégory Allione, Elisabetta Gualmini, Irena Joveva, Brigitte van den Berg
S&D	Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Klára Dobrev, Isilda Gomes, Marit Maij, Idoia Mendia, Evelyn Regner, Raffaele Topo, Marianne Vind
The Left	Li Andersson, Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, Kathleen Funchion
Verts/ALE	Sara Matthieu, Maria Ohisalo, Villy Søvndal

1	-
PfE	Harald Vilimsky

0	0